# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tlieta 9 ta’ Jannar 2001**

**Avviz. numru 796/97**

**Numru 35**

**Joseph Saija f’ismu proprio u ghan-nom tad-ditta “Joemar”**

**vs**

**Marco Cachia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm765 (seba’ mija hamsa u sittin lira maltin) oltre l-imghax legali mill-1 ta’ Gunju 1994 u dana in konnessjoni ma’ bejgh ta’ diversi oggetti elettrici u tal-ilma lill-konvenut mibjguha u kkonsenjati f’dawn l-ahhar snin.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 19 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Dicembru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm765.00,0 bl-imghax legali mill-21 ta’ April 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Avviz Nru 796/97 JAB

Alan Calleja
Dep.Reg